**Laqgha Numru 19/K5/2007**

**Introduzzjoni**

Minuti tad-Dsatax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Alfred Mazzitelli u Evelyn Vella Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi wasal tard u wasal fil-5.50 pm.

Il-Kunsillier Ray Pace kien skuzat minhabba li jinsab indispost.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-5 ta' Dicembru 2007. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K5/2007.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K5/2007.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Decizjoni dwar il-kwotazzjonijiet 34, 35, 38, 39, 40 u 41/2007.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K5/2007.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 18/K5/2007 kif pprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K5/2007.

2.01. Peress li ma kienx hemm punti x'johorgu mill-Minuti 18/K5/2007 is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta **Internal Memo 85/2007** b'rapport tal-kwotazzjonijiet riferenza 34, 35, 38, 39, 40 u 41/2007 **( Ara dokument A ) u Internal Memo 86/2007** b'rapport tal-kwotazzjoni 42/2007 provvista ta' railing tal-hadid **( Ara dokument B ).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li fl-ahhar gimghat kien tkompla x-xoghol t'upgrading ta' l-Ufficcju Amministrattiv liema xoghol daqt ikun tlesta u ghalhekk il-ftuh ufficjali ser isir nhar il-Hadd 16 ta' Dicembru 2007.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li llum 11 ta' Dicembru 2007 huwa flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli u d-delegazzjoni minn Roccalumera ( Ms. Daniela Garufi, President & CEO of Papirus Travel Agency in Messina; Mr. Sergio Mastroeni, President of Consorzio per la promozione della terra imparegiabile di Quasimodo; Avv. Carlo Mastroeni, Community Exchange Program expert u Marion Mariano, Vice President of Consorzio per la promozione della terra imparegiabile di Quasimondo ) kellhom laqgha mad-dirigenti ta' Hamilton Travel dwar il-possibilita' li jkun hemm tours turistici bejn Malta u Roccalumera. Il-kelliem qal li fuq bazi differenti kellhom diskussjonijiet ukoll dwar il-possibilita' li ghalliema ta' tfal b'eta ta' bejn is-6 u l-14 il-sena jattendu ghall-diskussjonijiet m'ghalliema minn Roccalumera dwar skambju t'ideat. Il-kelliem qal li l-kap ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo kien diga kkonferma l-interess tieghu filwaqt li l-Kunsill ghadu qed jistenna risposta minghand il-Kap ta' Liceo Sir Adrian Dingli.

***4.03. Fil-5.50 pm il-Vici Sindku Ray Mizzi skuza ruhu talli wasal tard.***

4.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien ghadu qed jistenna risposta minghand Roccalumera sabiex jissottomettu logo tal-Kunsill high definition sabiex ikun jista' jigi riprodott fuq il-locality maps.

4.05. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli qal li kellu laqgha mas-Sur Emmanuel Piscopo dwar il-possibilita' li jigu mlaqqma s-sigar tal-palm kontra l-insett li qed jeqred numru kbir ta' palm. Il-kelliem qal li s-Sur Emmanuel Piscopo kien qed jitlob hlas ta' Lm 2.50 ghal kull sigra. Wara diskussjoni li saret il-kelliem ippropona li jaccetta din il-proposta u x-xoghol isir mill-aktar fiss possibbli minhabba li l-ispiza tkun anqas milli jekk ix-xoghol isir mill-kuntratturi tal-Kunsill. Il-kelliem fakkar li kull xahrejn l-istess palm ikollu bzonn li jigi trattat bi spiza minima hafna.

4.06. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

4.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.08. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa flimkien mal-Kunsillier Alfred Mazzitelli kellhom laqgha ma' rapprezentanti mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb is-Sur Charles Casha u s-Sur Sergio Grech dwar possibilita' li ssir wirja fil-bini tal-Kunsill dwar kotba Maltin.

Il-kelliem qal li hu u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli kienu stiednuhom sabiex ikunu prezenti waqt l-attivita' li ser issir ghall-anzjani.

4.09. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa u l-Kunisllier Alfred Mazzitelli kellhom laqgha ma' Henriette Putzulu Caruana minn Wastre Serv dwar il-possibilita' li dawn ikollhom kommunikat ma' Cetinje fil-Montenegro dwar possibilita' ta' skema ta' separazzjoni ta' l-iskart.

4.10. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa, il-Kunsillier Alfred Mazzitelli u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kellhom laqgha mas-Sur Ray Attard CEO u s-Sur Konrad Pule mill-ADT dwar il-progett tal-Park & Ride li ser jitnieda fil-jiem li gejja mill-Ex Parade Ground ghal Paceville. Il-kelliem qal li fil-jiem li gejja ser issir konferenza stampa sabiex jigi mniedi dan il-progett li ser issir bil-kollaborazzjoni wkoll tal-GRTU.

4.11. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg tax-xoghol li qed jaghmel sabiex jitlesta l-upgrading tal-Kunsill. Il-kelliem qal li huwa u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli qed ikunu prezenti kwazi kulljum sabiex jaraw li x-xoghol ikun miexi kif pjanat.

4.12. Il-Vici Sindku Ray Mizzi wkoll wera l-apprezzament tieghu lejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghas-sieghat twal li qed jaghmel il-Kunsill sabiex jitlesta x-xoghol. Il-kelliem irringrazzja wkoll lill-iskrivana Alison Micallef u Natalie Busuttil kif ukoll lill-haddiema ta' l-IPSL assenjati mal-Kunsill.

4.13. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien gie ffirmat il-kuntratt mal-MEPA dwar l-UIF Funds li bihom il-Kunsill intrabat li jaghmel upgrading ta' Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta. Il-kelliem ippropona li jibda l-process necessarju ta' hrug ta' kwotazzjonijiet u jekk hemm bzonn tenders sabiex isir ix-xoghol kif ukoll li jerga' jsir komunikat ma' l-MSD dwar il-possibilita' li tintuza l-iskema li ntuzat f'Pembroke Battery sabiex il-Kunsill jixtri l-materjal u l-Gvern jipprovdi n-nies sabiex isir ix-xoghol ta' hadid. Il-kelliem ippropona wkoll li kemm il-darba dan ma jkunx possibbli ghandu jibda l-process tal-kwotazzjonijiet u / jew tenders. Il-kelliem ippropona wkoll li ladarba l-Kunsill ikollu l-informazzjoni kollha necessarja ghandhom jigu nfurmati r-residenti tal-lokal bix-xoghol li ser isir. Finalment il-kelliem ippropona li jekk ikun hemm fondi disponibbli mill-Kunsill ghandu jsir upgrading ukoll tal-Gnien 4 ta' Lulju.

4.14. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-permess ghall-bini ta' skola primarja gdida kien gie approvat mill-MEPA. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-gibjun li ser jinbena ser jilqa' fih l-ilma ta' l-iskola biss u ghalhekk ma jidhirx li l-problema ta' l-gharghar ser tkun solvuta. Il-kelliem qal li dan il-fatt kien semmiegh waqt li kienet qed tigi processata l-applikazzjoni fejn semma wkoll il-fatt li huwa mportanti li jizdied il-parkegg fi Triq G Henin minhabba li jirrizulta li hafna genituri jwasslu t-tfal tal-kinder 1 u 2 bil-vetturi privati. Dwar l-gharghar ukoll il-kelliem qal li kien informa lill-MEPA li meta ser tkun hafna xita ser ikun difficli li t-tfal jattendu l-iskola. Il-kelliem qal li l-FTS qalu li huma kienu konxji mill-proposta li kien ghamel il-Kunsill lill-Ministeru koncernat sabiex issir sistema ta' water culvert u minn informazzjoni li ghandhom jidher li dan ix-xoghol hemm il-hsieb li jsir mill-Ministeru koncernat ghalkemm ghad m'hemm xejn finalizzat.

4.17. Fid-dawl ta' dan kollu s-Sindku Joe Zammit ippropona li ghandha tinkiteb ittra lill-Onor. L. Galea, lill-Onor. N. Zammit, lill-Onor. Prim Ministru Dr. L. Gonzi, lill-Onor.

Kap ta' l-Oppozizzjoni Dr. A. Sant, lic-Chairman tal-MEPA u lir-residenti fejn il-Kunsill juri r-rieda tieghu ghat-talbiet li kien ghamel u li jidher li ma gewx milqugha.

4.18. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-korrispondenza ghandha tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

6.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bhalissa qed jigi diskuss il-kuntratt il-gdid mal-kumpanija Datatrak.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li t-tfal li ser jattendu ghall-attivita' tal-Milied ser jinghataw kotba li ser jinxtraw minghand Merlin Library.

## 09. Decizjoni dwar il-kwotazzjonijiet 34, 35, 38, 39, 40 u 41/2007.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla sabiex jiddiskuti l-kwotazzjonijiet.

9.02. Il-Vici Sindku Ray Mizzi ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.04. Il-laqgha giet sospiza fis-6.20 pm.***

***9.05. Il-laqgha tkompliet fis-6.45 pm.***

9.06. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dwar kwotazzjoni riferenza **34/07 – Tibjid tal-Faccata ta' Blokk 5 San Gorg**, il-Bord ta' l-Ghazla rrakkomanda li l-kwotazzjonijiet ghandhom jintbaghtu lill-Perit Anton Camilleri, Direttur Dipartiment ghall-Bini u Tiswija ta' Djar ghall-konsiderazzjoni tieghu u li d-decizjoni tal-Perit Anton Camilleri ghandha tkun finali dwar jekk isirx ix-xoghol jew le u dan kemm il-darba l-hlas ikun ser isir mid-Dipartiment stess. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.07. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.09. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dwar kwotazzjoni riferenza **35/07 – Dawl dekorattiv ghall-zmien il-Milied**, il-Bord ta' l-Ghazla rrakkomanda li ghandha tigi accettata l-kwotazzjoni tal-kumpanija **MBM Decorations ghall-prezz ta' Lm 530.00**. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.10. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.12. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dwar kwotazzjoni riferenza **38/07 – Xiri ta' 1,000 ingravata bil-logo tal-Kunsill fuqhom**, il-Bord ta' l-Ghazla rrakkomanda li dawn il-kumpaniji ghandhom jintalbu jipprovdu kwotazzjoni ghall-massimu ta' 100 ingravata. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.13. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.15. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dwar kwotazzjoni riferenza **39/07 – Tindif ta' l-Ufficcju Amministrattiv**, il-Bord ta' l-Ghazla rrakkomanda li jekk il-kumpanija **Mr. Clean fil-prezz taghha Lm 3.00 fis-siegha** tinkludi wkoll il-provvista tal-materjal necessarju x-xoghol ghandu jinghata lilha. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.16. Il-Vici Sindku Ray Mizzi ssekonda.

9.17. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evleyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.18. Il-Mozzjoni ghaddiet.

9.19. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dwar kwotazzjoni riferenza **40/07 – Konkos ta' l-Art f'St. Andrews House**, il-Bord ta' l-Ghazla rrakkomanda li l-kwotazzjoni ghandha tintbaghat lill-Perit Anton Camilleri, Direttur Dipartiment ghall-Bini u Tiswija ta' Djar ghall-konsiderazzjoni tieghu u li d-decizjoni tal-Perit Anton Camilleri ghandha tkun finali dwar jekk isirx ix-xoghol jew le u dan kemm il-darba l-hlas ikun ser isir mid-Dipartiment stess. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

9.20. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.21. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.22. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dwar kwotazzjoni riferenza **41/07 – Provvista ta' network / copier printer**, il-Bord ta' l-Ghazla rrakkomanda li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jikkomunika mal-kumpanija Office Electronics dwar il-possibilita' li jingieb prezz ahjar u dwar il-possibilita' ta' trade in tal-magna li ghandu bhalissa l-Kunsill. Il-bord irrakkomanda ukoll li l-aktar magna addattata hija dik Bizhub 250. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord u jistenna bl-ezitu tad-diskusjsoni li s-Segretarju Ezekuttiv ser ikollu.

9.23. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.25. Fis-6.50 il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra.***

***9.26. Fis-6.51 il-Vici Sindku Ray Mizzi talab ukoll li jigi skuzat u halla l-kamra.***

9.27. Minhabba li ma kienx hemm quorum il-laqgha giet aggornata ghal Erbgha 12 ta' Dicembru 2007 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**

**Laqgha Numru 19/K5/2007 - Tkomplija**

**Introduzzjoni**

Tkomplija tal-Minuti tad-Dsatax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar l-Erbgha 12 ta' Dicembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ikkomunikaw mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ftit qabel bdiet il-laqgha biex jitolbu li jkunu skuzati filwaqt li l-Kunsillier Ray Pace kien skuzat minhabba li kien ghadu ndispost.

Peress li rega' ma kienx hemm quorum il-laqgha giet posposta ghal nhar il-Gimgha 14 ta' Dicembru 2007 fil-5.00 pm bil-kontinwazzjoni ta' l-agenda.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |

**Laqgha Numru 19/K5/2007 - Tkomplija**

**Introduzzjoni**

Tkomplija tal-Minuti tad-Dsatax il-Laqgha tal-Hames Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2007 li saret nhar il-Gimgha 14 ta' Novembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Alfred Mazzitelli flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Vici Sindku Ray Mizzi u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ikkomunikaw mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ftit qabel bdiet il-laqgha biex jitolbu li jkunu skuzati filwaqt li l-Kunsillier Ray Pace kien skuzat minhabba li kien ghadu ndispost.

***Fid-dawl li diga kien hemm zewg okkazjonijiet fejn ma kienx hemm quorum, il-laqgha skond il-provvediment tal-ligi setghet titkompla fil-prezenza ta' zewg membri tal-Kunsill biss.***

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda bit-tkomplija tal-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fil-5 ta' Dicembru 2007. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 18/K5/2007.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 18/K5/2007.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Decizjoni dwar il-kwotazzjonijiet 34, 35, 38, 39, 40 u 41/2007.**
- **10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **11. Materji Ohra.**

## 10. Approvazzjoni tal-kontijiet.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument C, D u E)**

10.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha ghajr tal-WSC fejn ippropona li dan il-kont m'ghandux jigi mhallas ghal ragunijiet li diga ssemmew fil-laqgha precedenti. Il-kelliem ippropona wkoll l-approvazzjoni tal-hlas lill-Kumpanija Ell's Urban Services, ghalkemm qal li ghandu jintbaghat wara li l-Kunsill jircievi l-approvazzjoni tal-Perit tal-Kunsill. Fir-rigward tal-kontijiet approvati tal-Kumpanija J & K Contractors, li kienu gew approvati fil-laqgha precedenti, il-kelliem ippropona li ghalkemm il-Kunsill kien ghandu ma rceviex l-approvazzjoni tal-Perit tal-Kunsill dawn xorta ghandhom jintbaghtu.

10.03. Is-Segretraju Ezekuttiv Kevin Borg informa lis-Sindku Joe Zammit li kien ghadu ma rceviex ic-ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill fir-rigward tal-kontijiet ta' J & K Contractors Ltd. u Ell's Urban Services li x-xoghol ikun sar tajjeb u li l-fattura tirrifletti x-xoghol li jkun sar.

10.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li f'kommunikat li kellu permezz tat-telefone mal-Perit dan ta' l-ahhar kien infurmah li kien fil-process li jibghat ic-certifikati ta' dawn ix-xoghlijiet u ghalhekk mhux sewwa li minhabba dan id-dewmien ibghatu l-kuntratturi u ghalhekk ippropona li dawn ukoll ghandhom jithallsu mmedjatament.

10.05. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Materji ohra.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jinghata 15 il-gurnata time off sabiex ipatti ghas-sieghat twal li ghamel fl-ahhar xahrejn sakemm kien qed isir xoghol t'upgrading fl-ufficcju tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandu jihallas ukoll ghat-telefonati li ghamel f'dawn l-ahhar gimghat minn fuq il-mobile tieghu minhabba li fejn qed isir ix-xoghol m'hemmx linja tat-telefon.

10.02. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-iskrivana Alison Micallef u Natalie Busuttil ghandhom jinghataw il-permess li jgeddu l-leave li ma ttiehedx matul din is-sena ghas-sena li gejja.

10.05. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.07. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jitqabbad is-Sur Robbie Pullicino sabiex jipprovdi hamrija kif ukoll li jsir twittija taghha fil-Gnien ta' San Patrizju. Il-kelliem ippropona wkoll li titqabbad il-kumpanija Piscopo Gardens sabiex tipprovdi numru ta' sigar u xitel sabiex jithawwlu f'dan il-post.

10.08. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.10. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara diskussjoni li kellu mal-Kumpanija Office Electronics dawn infurmawh li huma kienu lesti li jekk kemm il-darba l-Kunsill jixtri l-magna Bizhub 250 komplut huma jkunu lesti li ghas-spejjez taghhom jirrangaw il-magna l-antika.

10.11. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta din l-offerta.

10.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara komunikat li kellu mal-kumpanija Mr. Clean dawn ikkonfermaw li l-prezz jinkludi wkoll il-materjal.

10.14. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi accettata l-kwotazzjoni ta' Eurosports ghall-provvista ta' flokkijiet sabiex jintuzaw mill-Pembroke Local Council Football School.

10.15. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.17. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta l-offerta tal-Kumpanija Mr. Clean ghat-tindif tal-Kunsill. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob is-servizz ta' darbtejn fil-gimgha jew skond in-necessita nkluz ikun in-numru ta' sieghat ghandhom jidu determinati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sakemm jigi stabbilit rutina ta' xoghol.

10.18. Il-Kunsillier Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.20. Il-laqgha ntemmet fil-5.30 pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar il-Hamis 10 ta' Jannar 2008 fil-5.30 pm.

Joe Zammit
**Sindku**

Kevin Borg
**Segretarju Ezekuttiv**